**21 ta' Marzu, 1958**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., A/President;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Nazzareno Sammut

*versus*

I.C.A. Carmelo Micallef ne.

**Trieq — Servitù — Passaġġ Publiku — Atti "jure imperii" — Prova.**

*Dwar it-toroq viċinali sseħħ il-preżunzjoni li huma proprjetà demanjali, kemm-il-darba ma jirriżultax illi t-trieq viċinali in kwistjoni tkun ġiet kostruwita fuq art privata; għax jekk jiġi pruvat li t-trieq ġiet kostruwita fuq art privata, allura dik il-preżunzjoni ma sseħħx u t-trieq titqies li hi privata.*

*Jekk it-trieq hija privata, ma jistgħax jingħad li saret publika għax tkun ilha għal żmien twil miftuħa għall-użu publiku, jew għax il-Gvern ikun għamel fiha xi tiswijiet jew xi xogħolijiet oħra, bħal ma huwa d-drenaġġ; għax trieq viċinali hija suġġetta għas-servitù ta' transitu u użu publiku; u l-Gvern għandu dritt jagħmel fiha, mhux "jure gestionis", imma "jure imperii", dawk ix-xogħolijiet li jeħtieġu fl-interess publiku, u b'dawk ix-xogħolijiet ma għandhomx jitqiesu li saru atti kostitwenti pussess tat-trieq.*

*Il-prova li t-trieq hi publika tmiss lil min jallega li hi publika, indipendentement minn kwalunkwe preżunzjoni; u l-prova li t-trieq kienet privata u saret publika tista' ssir biss bil-produzzjoni ta' att li juri t-trasferiment tat-trieq favur il-Gvern; għaliex trieq privata ssir publika billi tiġi trasferita lill-Gvern, u dan it-trasferiment ma jistgħax isir ħlief b'att publiku.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jippremetti illi huwa mhuwiex debitur

ta' ebda somma versu l-konvenut nomine għal kontribuzzjoni tal-ispejjeż li l-Gvern għamel biex asfalta Nazarene Street, Sliema, għaliex din it-trieq hi publika; jitlob illi, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u wara li jiġi meħud kull provvediment opportun, il-konvenut nomine jiġi kundannat jagħti l-kunsens tiegħu għall-kanċellament ta', jew jiġi kundannat jikkanċella, l-inskrizzjoni eżistenti fir-Reġistru Publiku għall-privileġġ fil-Volum I numru 5032 tas-sena 1952, aċċeża kontra l-instanti għas-somma ta' £7. 9. 9d., għar-raġuni li huwa mhux debitur għal ebda somma versu l-konvenut, billi Nazarene Street, Sliema, hija trieq publika; bl-ispejjeż; kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ottubru 1957, li biha ddeċidiet billi rrespinġiet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Illi l-Gvern Ċivili, per mezz tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Publiċi, li tiegħu l-konvenut hu d-Direttur, għall-ħabta tas-sena 1952 għamel xogħolijiet ta' asfalt f'Nazarene Street, Sliema. Din it-trieq hi koerenti mal-fond li qiegħed hemmhekk, li jġib in-numru 2 u li jappartjeni lill-attur. Fiż-17 ta' Diċembru 1952, il-konvenut inskriva fir-Reġistru Publiku kontra l-attur, għal privileġġ speċjali fuq l-imsemmi fond, kreditu ta' £7. 9. 9d., bl-interessi tat-3% fis-sena mit-13 ta' Ottubru 1952, għall-ispejjeż minnu nkorsi biex asfalta l-parti ta' dik it-trieq fronteġġjanti l-istess fond. L-attur qiegħed jitlob li l-konvenut fl-imsemmija kwalità tiegħu jiġi kundannat iħassar dik l-inskrizzjoni, għar-raġuni li huwa mhux debitur tal-konvenut ta' ebda somma, għaliex Nazarene Street, Sliema, hi trieq publika, u għalhekk l-asfaltar tagħha għandu jsir a spejjeż tal-Gvern;

Illi r-raġunijiet addotti mill-attur in sostenn tal-pretensjoni tiegħu huwa dawn: li t-trieq ilha wżata għall-publiku fuq sittin sena, u kwindi hemm il-preżunzjoni li l-istess trieq mhix privata, imma hi publika; li hi nkombenza tal-konvenut li jipprova univokament, u mhux b'sempliċi

preżunzjoni, li dik it-trieq hi privata, u din il-prova l-konvenut ma għamilhiex, anzi mill-provi, ċjoè mix-xhieda tal-Arkitetti Lewis Agius u Carmelo Fenech jirriżulta konkludentement li l-imsemmija trieq hi publika, u dejjem hekk kienet ritenuta mill-Gvern, billi dejjem ġiet riparata a spejjeż tal-Gvern;

Illi l-imsemmija raġunijiet addotti mill-attur mhumiex sostenibbli. Jirriżulta mill-provi li sas-sena 1868 it-trieq ġa msemmija kienet sempliċi sqaq għall-użu tal-proprjetarji li kellhom ir-raba' ġo fih, u kwindi hemm il-preżunzjoni favur il-konvenut li dak l-isqaq kien privat (Vol. XXV-II-44); liema preżunzjoni l-attur ma wasalx biex iwaqqagħha. Jista' jingħad li Nazarene Street hi trieq viċinali, u bħala tali hu preżunt li hi trieq publika; imma din il-preżunzjoni sseħħ biss fil-każ li ma jirriżultax li oriġinarjament dik it-trieq ġiet kostruwita fuq art privata; diversament, il-preżunzjoni li t-trieq hi publika ma tikkonkorrix, u t-trieq titqies li hi privata (Vol. XXXIX-I-1); u, kif ingħad, ġie pruvat li oriġinarjament dik it-trieq kienet sqaq privat;

Lanqas ma jista' jingħad li hemm l-imsemmija preżunzjoni li t-trieq hi publika sempliċement għaliex l-istess ilha tiġi wżata mill-publiku xi sittin sena, u l-Gvern ġie li għamel xi xogħolijiet ta' tiswija, u anki għal dak ta' mogħdija ta' drenaġġ fiha, għaliex dawn ix-xogħlijiet għandhom jiġu kunsidrati li saru għal skopijiet ta' utilità publika, u mhux bħala atti kostitwenti pussess (Vol. XXXIV-I-745). Mbagħad, hu intuwitiv li l-prova ta' dak li l-attur jippretendi, ċjoè li l-imsemmija trieq hi publika, tmiss lilu, u mhux lill-konvenut, kif l-attur jippretendi. L-attur jagħmel enfasi fuq ix-xhieda tal-perit Lewis Agius, tal-perit Carmelo Fenech, ta' Giovanni Gauci, u ta' Felice Brincat; minn liema xhieda, skond ma huwa jissottometti, jirriżulta konkludentement pruvat li Nazarene Street, Sliema, hi publika, u dejjem kienet hekk ritenuta mill-Gvern; imma x-xhieda msemmija ma tikkostitwix il-prova pretiża mill-attur. Infatti, il-perit Agius jgħid li "għandu idea vaga" li t-trieq imsemmija kienet diġà imsewwija mill-Gvern, u għalhekk kien irriferixxa lil Giovanni Gauci, kif dana x-xhud ikkonferma, li minn riċerki li kien għamel, u

minn pjanti li *kien* eżamina, huwa "kien jidhirlu" li dik it-trieq ma kienetx privata. Giovanni Gauci jgħid li t-trieq ma kienetx privata. Giovanni Gauci jgħid li t-trieq minn erbgħejn sena l-hawn dejjem il-Gvern sewwiha; u dan għal xi tliet darbiet. Felice Brincat jgħid li t-trieq xi erbgħejn sena ilu kienet imħarbta, u mbagħad l-Gvern irranġaha xi tliet darbiet, u għamel anki l-bankini fiha, u għadda minnha d-drenaġġ. U l-perit Fenech jgħid li meta kien impjegat mal-Gvern kien jirritjeni li dik it-trieq hija privata, imma mbagħad, "fuq diskors li kien sama' beda jaħseb" li t-trieq kienet publika, anki *għaliex il-Gvern* għamel fiha xi tiswijiet, kompriża dik tal-kostruzzjoni tal-bankini;

Però, hu magħruf li trieq minn privata ssir publika meta tiġi trasferita favur il-Gvern; u dan it-trasferiment isir biss b'att publiku. L-attur ma ppruvax li sar dan it-trasferiment; liema prova setgħet issir biss bil-produzzjoni tal-imsemmi att ta' trasferiment, u mhux kif għamel l-attur, bil-produzzjoni ta' xhieda li għandhom l-impressjoni, li jidhrilhom, jew li semgħu, li l-imsemmija trieq kienet ġiet trasferita *lill-Gvern, u li għandha titqies hekk trasferita* għaliex il-Gvern għamel fiha xogħolijiet ta' tiswija. Bħala trieq viċinali, Nazarene Street, Sliema, hija suġġetta għal servitù publiku ta' transitu u użu, u l-Gvern għalhekk għandu d-dritt jagħmel, mhux "jure gestionis", imma "jure imperii", dawk ix-xogħolijiet li jeħtieġu fl-interess publiku (Vol. XXIV-I-259; XXV-II-992);

Rat fol. 89 in-nota tal-appell tal-attur, u fol. 90 il-petizzjoni, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u *li tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ* istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda ta' Carmelo Cassar, diżinjatur fid-Dipartiment konvenut, u mid-diversi pjanti minnu eżibiti, jidher li t-trieq in parola oriġinarjament kienet sqaq, ossija "lane", ta' proprjetà privata. Felice Brincat isejħilha "trieq im-

ħarbta" fol. 19 u 19 tergo) b'riferenza għall-epoka ta' xi sittin sena ilu mis-sena li fiha hu xehed, ċjoè mill-1953. Hi partikolarment illuminanti l-pjanta markata bl-ittra "G" fil-fol. 36, li turi bil-kulur kannella l-isqaq fuq imsemmi kif kien jeżisti, u bil-kulur isfar l-istrixxi ta' proprjetà privata li żdiedu mal-wesgħa ta' l-isqaq meta saret it-trieq "de qua". Partijiet oħra ta' l-isqaq, kif murijin fuq dik il-pjanta, ġew utilizzati għal kostruzzjonijiet, u oħrajn trasferiti bejn privati (ara, in konnessjoni ma' din il-pjanta, ix-xhieda ta' Carmelo Cassar fol. 44 tergo, u x-xhieda ta' Stella Mifsud fol. 52). Fil-pjanta markata bl-ittra "B" fol. 23, li ġġib id-data tal-5 ta' Jannar 1886, għalkemm ma humiex ta' rilevanza għal din il-kawża l-istrixxi kulur isfar u kulur aħmar, hu però ta' interess li t-trieq tal-lum hi ndikata f'dik l-epoka bħala "lane". Hi wkoll ta' rilevanza l-pjanta "C", tal-1896 (fol. 25), li ġġib l-indikazzjoni ta' din it-trieq bħala, qabel, "vicolo". Kif kien dan l-isqaq fl-1868 jidher mill-pjanta "A" fol. 22, li dwarha xehed l-istess Cassar fol. 32. Għar-rigward tax-xhieda fuq imsemmija ta' Stella Mifsud, in kwantu hi setgħet talvolta tibbaża ruħha fuq dak li kien jgħid missierha u z-ziju tagħha, jgħodd l-art. 598 tal-Kap. 15;

Ikkunsidrat;

Issa, minn dak li ntqal jidher li din it-trieq kienet in oriġini waħda minn dawk li jissejħu, fis-sistema tad-Dritt Ruman, "vicinales", bħala distinti mill-"grandi tronchi di viabilità"; li kienet isservi għall-proprjetarji fronteġġjanti u bħala kommunikazzjoni mat-toroq aktar importanti u prinċipali. Issa, il-Liġi Rumana kienet tikkunsidra illi għal dawn it-toroq viċinali kien hemm preżunzjoni li huma ta' proprjetà demanjali, basta, però, ma jirriżultax li ġew kostruwiti jew furmati "ex agris privatorum". Dan l-insenjament, li mbagħad ġie adottat anki miċ-Cepola u minn De Luca, ġie abbraċċjat ukoll mill-Qrati ta' Malta (ara Koll. Vol. VIII, p . 362), fejn hemm ċitati tant id-Dritt Ruman in propożitu, kemm ukoll dawk iż-żewġ awturi. Għandu jiġi notat li fil-każ preżenti teżisti l-memorja ta' dan l-isqaq privat, li minnu u minn smembramenti tal-proprjetà privata fronteġġjanti ġiet furmata in segwitu t-trieq. U dan

qiegħed jingħad għaliex, kieku ma kienetx teżisti din il-memorja, allura, avvolja t-trieq viċinali kienet kostruwita "ex agris privatorum", b'dan kollu kienet tibqa' l-preżunzjoni li hija demanjali. Kien jgħid, infatti, id-De Luca, De Servitutibus, Dis. 69, no. 3:— "Viae vicinales de jure eatenus privatae censentur quatenus extat memoria quod ex adjacentibus privatorum agris conflatae sint, secus autem si talis memoria non extat, cum tunc inter pubblicas potius numerandae" (ara wkoll Kollez. Vol. XXXIX-I-1);

L-istess prinċipju hemm fil-ġurisprudenza taljana. Il-Qorti ta' Genova, in re Barbagelata vs. Comune di Rapallo, fis-26 ta' Lulju 1876, issentenzjat hekk:— "La via vicinale è privata se fu costruita sopra suolo contribuito dai privati; altrimenti è pubblica. La via vicinale originariamente privata diviene pubblica se non si abbia memoria del tempo in cui fu costruita e incominciò ad essere usata dal pubblico. In tale caso sorge la presunzione "juris" che la via vicinale sia pubblica, e perciò chi ne sostiene il carattere privato ha l'onere della prova" (Coen, voce Strade Vicinali, para 12-13);

Mela l-attur ma hux assistit minn dik il-preżunzjoni ta' karattru demanjali tat-trieq in kwistjoni; għaliex jirriżulta li ġiet formata "ex agris privatorum", u ta' hekk hemm memorja;

Hu għalhekk dmir tal-attur li jipprova l-proprjetà demanjali ta' din it-trieq, indipendentement minn kull preżunzjoni;

Din il-prova, ċertament ma ntlaħqetx bis-xhieda tal-perit Luigi Agius, jew b'dik tal-perit Carmelo Fenech, li minnhom ma tirriżultax ħlief l-impressjoni tagħhom, inċerta u vaga, li din it-trieq kienet tal-Gvern, bażati dawn l-impressjonijiet fuq xi rikordi ugwalment vagi ta' xi pjanti fl-uffiċċju tal-Gvern (li, kwantu għal dawk eżibiti, juru l-kontra). Ix-xhieda l-oħra prodotti mill-attur ma jwasslux għal ebda prova tal-assunt tiegħu;

Kwantu għax-xogħolijiet ta' tiswija tat-trieq, imsem-

mijin mix-xhieda, lanqas din iċ-ċirkustanza ma hi prova; għaliex il-Gvern, meta jagħmel xogħolijiet simili, ikun qiegħed jagħmilhom "jure imperii", in forza tal-kontroll u amministrazzjoni tiegħu tat-trieqat għall-utilità publika, u mhux "jure gestionis" in linea ta' affermazzjoni ta' dominju (ara App. Krim. "Pulizija vs. Desira", 12 ta' Jannar 1924; u s-sentenza fuq ċitata tal-Vol. XXXIX). Dan jingħad għax-xogħolijiet li setgħu saru qabel l-1920; għaliex għax-xogħolijiet li setgħu saru wara dik is-sena jgħodd mhux biss dak il-prinċipju, imma anki l-istess liġi kif introdotta bl-Ordinanza I tal-1920 (ara l-aħħar paragrafu tal-art. 2 ta' dik il-liġi, emendanti l-art. 11 tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-lum art. 13 para. 7 tal-Kap. 13 Ediz. Riv.), li tagħti s-setgħa lid-Direttur tax-Xogħolijiet Publiċi li jagħmel, anki fit-toroq tal-privat, xogħolijiet li jidhirlu meħtieġa fl-interess publiku;

Lanqas hu ta' sinifikat il-fattur tat-transitu tal-publiku. Infatti, bħala trieq viċinali, it-trieq in kwistjoni hi suġġetta għas-servitù publika ta' transitu u ta' użu. "La legge", intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti "Fava vs. Portelli", 12 ta' Diċembru 1919, "considera che il privato, contribuendo il proprio suolo alla formazione di una strada che egli apra al pubblico, voglia assoggettarla alla servitù di transito pubblico, e conservandone la proprietà ne ritiene gli oneri subordinatamente alla servitù che vuole creare";

Hu anki utili li wieħed jiftakar illi għadhom jeżistu vestiġji tal-proprjetà privata, konsistenti fir-ruderi li baqgħu tar-razzett imsejjaħ "ta' Bombu", kompriża l-arkata tiegħu;

Ebda prova ta' xi att ta' trasferiment ta' din it-trieq lill-Gvern ma ġiet magħmula;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk tal-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.